**11 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti A.R. Hist. S.**

Charles Debattista *noe*

*versus*

Dr. John Mamo *noe*

**Nullità – Nullità ta' Ċitazzjoni – Difetti li ma Jidhrux – Azzjoni *Aestimatoria* – Garanzija ta' – Esklużjoni ta' – Preskrizzjoni**

*L-attur eżerċita l-azzjoni estimatorja konsegwenti għall-bejgħ ta' vettura. Fil-mertu l-Qorti sabet illi l-vettura ma kinitx afflitta minn difetti moħbija.*

*Analisi u applikazzjoni utili ta' prinċipji dwar nullità u dwar it-terminu tal-preskrizzjoni "de quo".*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* illi biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi għall-ħabta ta' Marzu elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) l-attur xtara l-karozza *Fiat 127 Super,* numru ta' reġistrazzjojni D – 0843 mis-soċjetà konvenuta, bil-prezz ta' elfejn ħames mija u sebgħin lira li jitħallas tul żmien ta' tliet snin;

U premess illi reċentement l-attur *nomine* nduna illi l-karozza ma kinitx qed taħdem tajjeb u l-magna bdiet ittella' ż-żejt u għarraf is-soċjetà konvenuta b'dan; u saru ċerti tiswijiet iżda d-difetti msemmijin reġgħu dehru;

U premess illi l-attur *nomine* reġa' għarraf lis-soċjetà konvenuta b'dan u f'din l-okkażjoni, fit-tnejn u għoxrin (22) ta'

Ottubru, 1985 ġie infurmat illi r-raġuni kienet illi l-karozza ma kellhiex '*silencer*' addattat għall-karozza;

U premess illi dan jikkostitwixxi difett fil-karozza li kien eżistenti meta sar il-bejgħ iżda li ma setax jinduna bih l-attur *nomine* qabel id-data msemmija;

U premess illi dan id-difett aktarx ikkaġuna ħsarat fil-magna;

Talab l-attur *nomine* għar-raġunijiet premessi għaliex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara 'l-konvenut *nomine* responsabbli għal dan id-difett u konsegwenti ħsarat u;

2. Tikkundannah jagħti lura lill-attur *nomine* parti mill-prezz ekwivalenti għat-tiswijiet u konsegwenti ħsarat, kif illikwidat mill-istess Qorti, okkorendo nomina ta' perit;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-protest tal-15 ta' Novembru 1985 u bl-imgħax kontra l-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. John Mamo fil-kwalità tiegħu premessa;

Jeċepixxi bir-rispett:

1. Preliminarjament jeċċepixxi n-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba nuqqas ta' kompletezza ta' l-ewwel domanda li anki kieku kellha tiġi akkolta ma tistax twassal għad-domanda konsegwenzjali. Biex il-kawżali u l-ewwel domanda setgħu jkunu

kompleti kien meħtieġ li jiżdied li "l-vizzju redibitorju" jew il-"vizzju moħbi "kien tali li rrenda l-karozza mhux tajba għall-użu li għalih kienet maħsuba";

2. Illi l-attur xtara l-karozza in kwistjoni skond il-*"General Condition of Sale and of Use"* li jispeċifikaw il-garanzija assunta mill-bejjiegħ u jissostitwixxu u jeskludu, kif jistgħu skond il-liġi, il-garanzija għall-vizzji moħbija pprovduti fil-liġi. Għalhekk l-attur ma jistax jinvoka din il-garanzija kkontemplata mil-liġi;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u anki kieku għall-grazzja ta' l-argument kien hemm xi difett moħbi l-azzjoni ta' l-attur hi preskritta taħt l-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-karozza in kwistjoni ma hija affetta minn ebda vizzju moħbi;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, *il-listi tax-xhieda* tagħhom flimkien mad-dokumenti illi ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Antonio Fiott u tal-Perit Tekniku Joseph Zammit, kif ukoll preċedent miż-żewġ noti ta' osservazzjonijiet tar-rispettivi legali tal-kontendenti;

Semgħet lix-xhieda tal-perit tekniku nġunt in esekuzzjoni;

Itrattata eżawrijentement il-kawża;

Ikkunsidrat li l-kawża saret wara li l-attur xtara vettura *Fiat*

*127 Super* – numru tar-reġistrazzjoni D – 0843 mingħand is-soċjetà konvenuta. Skond l-attur din il-vettura, mixtrija f'Marzu 1983, bdiet taħdem ħażin u għarraf b'dan lill-konvenut *nomine*. Saru xi tiswijiet iżda l-magna baqgħet ittella' ż-żejt. Fit-22 ta' Ottubru, 1985, l-attur jgħid li ġie mgħarraf illi r-raġuni għal dan kollu kien ġej mill-fatt illi l-karozza in kwistjoni ma kellhiex *"silencer"* addattat għaliha. Dan id-difett ta lok għall-ħsara fil-magna. Għalhekk l-attur qed jinvoka l-azzjoni estimatorja *"vel quanti minoris"* akkoppjata ma' talba għal-likwidazzjoni u ħlas għall-ħsarat subiti minnu;

Il-konvenut *nomine **in prima linea*** ssolleva numru ta' eċċezzjonijiet. Din il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni tal-periti li ċ-ċitazzjoni hija ċara suffiċjentament u talment li l-konvenut *nomine* seta' jkun edott b'dak li ried ifisser u b'dak li konsegwentement qiegħed jitlob l-attur f'din il-kawża. Iċ-ċitazzjoni tinsab imfissra suffiċjentement, m'hijiex kwindi nulla, u għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi respinta;

Dwar it-tieni eċċezzjoni li tattakka wkoll il-validità taċ-ċitazzjoni a bażi ta' l-esklużjoni ta' l-azzjoni intentata mill-attur skond il-ftehim tal-bejgħ u l-garanzija mogħtija lilu mis-soċjetà venditriċi, il-Qorti wkoll tinsab konkor mar-relaturi li mill-provi jirriżulta li l-konvenut *nomine* seta' jeskludi validament il-garanzija kontra vizzji moħbija però dejjem jibqa' l-fatt dwar jekk fil-fatt din il-garanzija ġietx eskluża jew le. Meta wieħed jeżamina l-klawsoli tal-ftehim, ma jirriżultax nettament ċar u mingħajr ekwivoku kif u sakemm għandha twassal l-esklużjoni li hemm fil-klawsoli. Per eżempju, jidher li hemm kuntrast bejn l-artikolu 7 u l-artikolu 10 *"Conditions"* fis-sens li l-art. 10 esklużjoni ta' obbligazzjoni waqt li l-art. 7 huwa assunzjoni ta' obbligazzjoni da parti tal-venditur. Il-garanzija għal vizji

moħbija, *una volta* ser tiġi eskluża, għandha invece tirriżulta b'mod inekwivoku li ma jħalli ebda lok ta' dubju. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi respinta;

Ingħatat ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-art. 1431 tal-Kodiċi Ċivili, dik jiġifieri relattiva għall-azzjoni estimatorja. Din jidher li ġiet interrotta in kwantu għat-tiswijiet ta' *parts* li ġew spezzjonati u in kwantu s-"*silencer*" – allegatament wieħed ta' daqs u kapaċità iżgħar minn kif suppost – dan kien jikkostitwixxi fatt "moħbi" għall-attur fis-sens li la hu u lanqas l-impjegati tas-soċjetà konvenuta ma kienu edotti bil-fatt li dan is-"*silencer*" ma kienx tad-daqs indikat għall-vettura *de quo*. Fi kliem ieħor, l-attur ma setax jinduna b'dan il-mankament **qabel** mat-tekniku stess tal-konvenut *nomine* għarrfu b'dan. Għalhekk *non si tratta* ta' preskrizzjoni u għalhekk dina l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi respinta;

Jibqa' għalhekk il-mertu proprju, il-qofol tal-kawża, riferibbilment għall-allegat difett fil-vettura mibjugħa. Dan iġibna f'dan il-każ f'konsiderazzjonijiet ta' natura strettament teknika. Kien għalhekk li l-perit legali ġie assistit minn ieħor tekniku. Wara li eżamina l-vettura u sema' s-sottomissjonijiet ta' naħa u oħra u wara li għamel il-konsiderazzjonijiet li kellu jagħmel, l-espert tekniku kkonkluda li **xejn** ma kien jindika xi konnessjoni bejn is-"*silencer*" u t-titjir taż-żejt. Anzi l-istess espert mar oltre (ara n-naħa paragrafu tar-rapport, fol. 13 a fol. 73 tal-proċess) u esprima l-fehma li l-ilmenti fil-vettura ta' l-attur **ma setgħux** kienu kkaġunati mis-"*silencer*". Mela, *una volta* li s-"*silencer*" – avolja mhux wieħed għal kollox idoneju għax iżgħar milli suppost – ma kienx ir-raġuni għad-difetti fil-"*performance*" tal-karozza, ifisser li r-raġuni kellha tinstab band'oħra. Jekk din kienet ħaġa attribbwibbli lis-soċjetà konvenuta bħala l-kanditriċi,

għandha tirrispondi hi; jekk le, allura jfisser li l-attur m'għandux raġun għat-talbiet tiegħu skond iċ-ċitazzjoni. Il-perit tekniku anke hawn kien kategoriku u rritjena illi t-titjir taż-żejt, u n-nuqqas fil-"*performance*" tfaċċa f'dan il-każ wara użu ta' ċirka 30,000 mil (tletin elf mil) u kien x'aktarx allura dovut għal tkagħbir – "*wear and tear*" normali;

Fi kliem ieħor, skond ir-relaturi ebda ħtija ma setgħet tiġi mixħuta fuq il-konvenut *nomine;*

L-attur ma talabx in-nomina ta' periti addizzjonali. Minflok, għażel li jeskuti lill-espert tekniku. Minn dak li xehed dana l-espert, deher evidenti li minkejja kollox huwa ma setax isib konnessjoni bejn id-daqs u l-kondizzjoni tas-"*silencer*" ma' l-ilmenti ta' l-attur;

Fit-trattazzjoni orali, id-difensur ta' l-attur issofferma ruħu tista' tgħid kompletament fuq konsiderazzjonijiet u argumenti tekniċi, għal liema d-difensuri tal-konvenut *nomine* rrisponda bl-istess mod bażandosi però fuq dak li ntqal fir-relazzjoni peritali. Il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, ma setgħetx tallontana ruħha minn dak li kkostata l-espert tekniku li, kif ingħad kien kategoriku li għalkemm is-"*silencer*" kellu jkun tad-daqs 1050 cc. b' '*outlet*' usa' u għalkemm ukoll dak kollokat fil-vettura kien ta' daqs 900cc, dan il-fatt ma affettwax il-"*performance*" fis-sewqan u lanqas kien irrelatat mat-tlugħ ta' żejt lamentat mill-attur. Mill-bqija, l-attur għamel għadd ta' allegazzjonijiet fis-sens li l-espert tekniku injora l-argumenti u l-provi tiegħu u ma kienx akkurat u intiż biżżejjed fil-kwistjoni, asserzjonijiet però li m'humiex sorretti mill-fatt. Għalhekk il-Qorti taqbel li r-raba' eċċezzjoni għandha tintlaqa' u li jfisser allura illi l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma tista' tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' r-raba' eċċezzjoni fil-mertu tal-konvenut *nomine,* u tiċħad għalhekk it-talbiet kollha ta' l-attur kif dedotti bil-kap ta' l-ispejjeż kontra tiegħu wkoll.